# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Numru 2924

**Kaz Nru. 4083/HW** **Fit-Tilwima tax-Xoghol**
**bejn**
**Union for Professional Educators (UPE)**
**u**
**Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi.**
**(dwar: il-process ta' verifika u gharfien tal-gradi tal-Learning Support Educators).**

**Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Membri: Avv. Bryony Balzia Bartolo**
**Is-Sur Lawrence Mizzi**

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra datata 28 ta' Lulju, 2022 mill-Onor Dr Andy Ellul Segretarju Parlamentari ghad-Djalogu Socjali fl'Ufficcju tal-Prim Ministru wara talba li saret mill-Union for Professional Educators (UPE).**

**Matul is-smigh tal-kaz il-Union for Professional Educators kienet rapprezentata minn Graham Sansone u Franklin Barbara li kienu assistiti mill-Avv. Marion Camilleri u l-Avv. David Camilleri u d-Direttorat**

**ghas-Servizzi Edukattivi kien rapprezentat minn Emile Vassallo u Mario Grixti li kienu assistiti mill-Avv. Carlos Bugeja.**

**Fl'istqarrija tal-kaz il-Union for Professonal Educators qalet, li ghanda l-maggoranza assoluta tal-Learning Support Educators kollha mpjegati mad-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi fi hdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.**

**Hija tghid ukoll, li l-gradi tal-Learning Support Educators issiehbu bi hgarhom b'maggoranza kbira fil-UPE u ghaldaqstant ma jridux li jkunu rapprezentati minn Union ohra u ma jridux jibqaw parti minn Collective jew Sectoral Agreement li jigbor fih diversi gradi u kategoriji ta' xoghol li huma differenti minn-natura specjalizzata tax-xoghol tal-Learning Support Educators b'detriment ghal kundizzjonijet tax-xoghol taghhom.**

**Il-Union tghid, li talbet tinghata l-gharfien ewlieni tal-Learning Support Educators u biex jiskatta l-process relattiv ghal dan l-gharfien u b'dan gie nfurmat ufficjalment id-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi u liema komunikat giet ikkupjata lid-Direttur Generali ghall-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali.**

**Il-Union tkompli tghid, li huma diga ssottomettew il-proof of membership u l-proof of payment lid-Direttur Generali ghall-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali kif mitlub mil-Ligi, izda d-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi oppona li jinbeda jew jitkompla l-process tal-gharfien.**

**Il-Union tghid ukoll, li kienet saret laqgha ta' konciljazzjoni bejn il-partijiet ghand id-Direttur Generali ghall-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, imma din il-laqgha kienet inkonklussiva u kien ghalhekk li l-Union ghamlet notifika ufficcjali lis-Segretarju Parlamentari biex il-kaz jigi trattat mit-Tribunal Industrijali.**

**Fl'istqarrija tal-kaz Il-Union tghid, li ma qablitx u ma taqbilx mal-pozizzjoni mehuda mid-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u dan ghas-segwenti ragunijiet :**

1) **Illi fl-assessjar tal-kunsiderazzjoni li ghanda tinghata bejn id-dritt fundamentali tal-assocjazzjoni tal-haddiema fi trade union tal-ghazla taghhom minn banda l-wahda u l-interessi tal-employer ghal fini ta' organizazzjoni mill-banda l-ohra, il-bilanc milhuq mill-gurisprudenza tat-Tribunal huwa t-test tal-ezistenza jew le ta' an appropriate/separate bargaining unit ghal gradi li ghalihom ikun qed jintalab l-gharfien u mhux hwejjeg ohra bhal dawk imsemmija mid-Direttorat ghas-Sevizzi Edukattivi;**

2) **Illi l-gradi tal-Learning Support Educators impjegati tad-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi jifformaw an appropriate and separate bargaining unit b'mod mill-aktar car u manifest kif ser jirrizulta mill-provi li ser tkun qed iggib l-UPE waqt il-mori tal-proceduri tal-kaz;**

**3) Illi sia l-Ministeru tal-Edukazzjoni u sia d-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi diga accetta l-kuncett ta' appropriate/separate bargaining unit ghal gradi jew kategoriji ohra ta' impjegati taghhom u fil-fatt accetta jew ta' rikonoxximent industrijali f'dan ir-rigward u dan kif ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-proceduri tal-kaz.**

**Il-UPE tghid ukoll, illi l-gradi tal-Learning Support Educators m'ghandhomx ikunu suggetti ghal trattament differenti minn dak moghti lill-gradi/kategoriji ohra u Trade Unions ohra mill-istess Ministeru u Direttorat.**

**Il-Union tkompli tghid fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li l-gurisprudenza tat-Tribunal Industrijali tghallimna li l-elementi principali li jrid ikollu an appropriate jew separate bargaining unit, senjament fid-Decizjoni Nru 2178 fl-ismijiet GWU vs Tug Malta Ltd. deciza fl-10 ta' Ottubru, 2012 huma tlieta:-**

**1) Il-kwalifici li jehtieg li jkollhom il-membri tal-grupp, kwalifici li jiddistinguhom minn haddiema ohra tal-istess azjenda;**

**2) Id-dmirijiet li jkunu mistennija li jaghqdu u hawn ikun hemm distinzjoni cara minn haddiema ohra; u**

3) **Illi l-kariga li jokkupaw hija wahda distinta u mhux marbuta ma progression jew promotion minn xi grad jew kategorija differenti minn dawk li ghalihom l-gharfien hu mitlub;**

**Il-Union tghid ukoll li kif sejjer jigi ppruvat waqt il-mori tal-kaz, il-gradi tal-Learning Support Educators jissodisfaw pjenament dawn it-tlett kriterji u ghaldaqstant jiffurmaw a separate jew appropriate bargaining unit ghall-fini ta' rikonoxximent u rapprezentazzjoni trejdunjonistika.**

**Il-Union tkompli tghid li bla ebda hsara ghal dak espost hawn fuq, galadarba il-UPE ghamlet claim li ghanda l-maggoranza tal-haddiema LSE membri taghha lid-Direttur Generali ghall-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali kellu jiskatta process ta' verifika ai terminini ta' Art 7 tar-Regolamenti dwar Rikonoxximent ta' Trade Unions.**

**Il-Union tghid ukoll illi fir-rigward t'hawn fuq, kif diga spjegat il-UPE kienet diga ssottomettiet lid-Direttur Generali ghall-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali dokumentazzjoni li turi s-shubija u hlas ta' mizati tal-Union mill-haddiema li ghalihom ir-rikonoxximent qed jigi mitlub u ghaldaqstant il-process ma kellux jitwaqqaf jew jinzamm milli jinbeda.**

**Il-Union tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid li ghaldaqstant u nkonsiderazzjoni ta' dak espost hawn fuq, il-Union for Professional Educators qed titlob li dan l-Onorabbli Tribunal Industrijali, previa kull**

**dikjarazzjoni jew decizjoni li jidhirlu opportun jaghmel, illi l-gradi jew kategoriji li jiffurmaw il-grad tal-Learning Support Educators jikkostitwixxu an appropriate or separate bargaining unit u ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali joghgbu jordna li jiskatta jew jitkompla l-process ta' verifika ghat-tenur u ai termini ta' Artikolu 7 tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent ta' Trade Unions, Legislazzjoni Sussidjarja Nru 452.112.**

**Id-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi fl'istqarrija tal-kaz jghid, li l-UPE trid turi li tassew ghanda r-rekweziti bazici necessarji li taghmel din t-talba (fost l-ohrajn li hemm il-maggoranza tal-membri mhallsa), minghajr liema t-Tribunal Industrijali ma jistax jghaddi biex jikkunsidra l-mertu.**

**Id-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi jghid ukoll, li fil-waqt li huwa favur socjeta li tippromovi demokrazija ndustrijali sana pero ma jistax jaqbel mat-talba tal-UPE ghax din qieghda tittanta tikkreja sottodivizjoni ta' Edukaturi li diga ilhom jghamlu parti minn trade union rikonoxxuta ghal hafna snin.**

**Id-Direttorat jghid ukoll, li ma jaqbilx mat-tentattiv tal-UPE li tohloq kategorija gdida ta' Edukaturi fejn din ma tezistix u ghalhekk fil-fhema tad-Direttorat illi dak li l-UPE issejjah il-grad ta' Learning Support Educators m'ghandux id-differenzjali necessarji rikjesti biex jitqies bhala an appropriate bargaining unit separat mill-bqija tal-Edukaturi li diga jifformaw parti minn Trade Union rikonoxxuta, u dan kif se jigi muri**

**waqt is-smigh ta' din it-Tilwima tax-Xoghol u fis-sottomissjonijiet li se jsiru aktar tard.**

**Id-Direttorat jghid ukoll li apparti dan huwa principju maghruf, lil'hinn ukoll mir-rekwiziti stabbiliti ghal dan il-ghan, illi ghandu jigi evitat li jkun hemm frammentazzjoni tal-bargaining units bla bzonn, ghaliex dan ma jkun fl'interess ta' hadd, stante illi johloq problema ta' immaniggjar effettiv u sostenibbli, partikolarment hawn meta jitqies illi kull decizjoni tad-Direttorat u kull diffikulta manigerjali u decizjoni riskontrata sejra taffettwa serjament klassi ta' end customers delikata u mproranti ferm: it-tfal fis-sistema edukattiva.**

**Id-Direttorat jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid, li ghalhekk fil-waqt li qieghed minn issa jirriserva li jgib provi, ragunijiet u sottomissjonijiet aktar tard matul din it-Tilwima tax-Xoghol, qieghed umilment jitlob lit-Tribunal Industrijali jichad it-talba tal-UPE.**

**Fis-seduta tat-13 ta' Settembru, 2022 it-Tribunal Industrijali ddecieda l-procedura segwenti :-**

1) **li l-ewwel ezercizzju ghandu jkun li l-Union tipprova li ghanda l-maggoranza tal-grad tal-haddiema fuq il-kotba taghha u dan**

**permezz li tipprovdi l-lista tal-membri u jigu ccekkjati mal-lista tal-grad tal-haddiema ta' min ihaddem.**

**It-Tribunal Industrijali ddecieda, li dan ghandu jkun l-ewwel ezercizzju qabel ma jiskatta l-process jekk il-grad jimmeritax li jitqies bhala an appropriate/separate bargaining unit ghar-raguni, biex jigu evitati sitwazzjonijiet fejn ikun hemm attentati, li minghajr ebda gustifikazzjoni ssir talba ta' din ix-xorta li tiddisturba l-istabilita tar-relazzjonijiet industrijali specjalment, jekk ikunu qed isiru jew se jsiru negozjati tal-Ftehim Kollettiv li jista jaffettwa jekk mhux eluf, mijiet ta' haddiema, li certament jikkreja ambjent ta' ansjeta fir-relazzjonijiet industrijali, meta eventwalment wara process biex jigi determinat jekk il-grad jikkwalifikax li jkun distint u an approprtiate/separate bargaining unit, liema process jiehu tul ta' zmien jekk mhux snin bhalma ma hadu kazijiet ta' din ix-xorta jista' jirrizulta, li ghalkemm il-Union li qed tghamel it-talba jkollha numru sostanzjali ta' membri pero m'ghandix il-maggoranza tal-haddiema tal-grad fuq il-kotba taghha.**

**It-Tribunal Industrijali ddecieda wkoll, li jekk il-Union ikollha l-maggoranza tal-grad fuq il-kotba taghha, ma jfissirx li se jkollha rikonoxximent awtomatiku tal-grad ghar-raguni, li l-grad diga jghamel parti minn Ftehim Kollettiv u rikonoxxut minn Trade Union ohra.**

**2) ghaldaqstant, jekk jigi stabilit li l-Union li qed tghamel it-talba jkollha l-maggoranza tal-haddiema tal-grad fuq il-kotba taghha, it-Tribunal Industrijali jkompli bil-process biex jigi stabilit jekk il-grad ghandux il-kriterji li jigi kkunsidrat bhala grad distint u jekk jikkwalifikax li jkun an appropritate/separate bargaining unit u jkollu Ftehim Kollettiv ghalih u separat.**

**3) jekk it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li l-grad jigi meqjus bhala grad distint u jikkwalifika li jkun an appropriate/separate bargaining unit, peress is-sistema ta' membership f'pajjizna tippermetti dual membership, li haddiema jistghu jkunu membri ta' aktar minn Trade Union wahda, biex jigi deciz liema Union ghanda l-maggoranza tal-grad ghandu jiskatta l-process skond Artikolu 7 tar-regolamenti dwar ir-Rikonoxximent tat-Trade Unions, Legislazzjoni Sussidjara Nru 452.112.**

**Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali ddecieda li jibda bil-process u ddelega lid-Direttur Generali ghall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali sabiex tghamel ezercizzju li ticcekkja kemm il-Union ghanda membri tal-grad tal-Learning Support Educators mal-lista mpjegati mad-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi.**

**Fis-seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' Ottubru, 2022 xehdet Ms Diane Vella Muscat Direttur Generali ghall-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali fejn ipprezentat dokument li gie mmarkat Dok DVM1.**

**Fix-xhieda taghha tghid mill-ezami li ghamlet jirrizulta, li l-Union for Professional Educators ghanda registrati membri fuq il-kotba taghha aktar minn 50 +1 tal-haddiema tal-grad tal-Learning Support Educators.**

**Invista ta' dan ir-rizultat, it-Tribunal Industrijali ddecieda li jibda jittratta l-mertu jekk il-grad tal-Learning Support Educators ghandux il-kriterji necessarji li jigi kkunsidrat bhala grad distint u jikkwalifikax li jigi meqjus li jkun an appropriate/separate bargaining unt.**

**Mill-provi li tressqu quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li skond d-defenizzjoni tal-Kapitolu 605 ta' l-Att Dwar l-Edukazzjoni, Edukatur tfisser Kapijiet ta' Dipartimenti, Kapijiet ta' skola, Assistenti Kapijiet ta' skola, Ufficjali tal-Edukazzjoni, Ghalliema, Edukaturi ta' Kindergarten u Edukaturi ta' ghajnuna fit-taghlim (Edukaturi ta' ghajnuna fit-taghlim qed tirreferi ghal grad tal-Learning Support Educators).**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-klawsola Applicability tal-Ftehim Kollettiv bejn id-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi u l-Malta Union of Teachers tghid "This agreement covers the teaching grades emanating from and/or associated with the teaching profession. For avoidance of doubt and clarification, teaching grades covered by this agreement are those**

**educational grades that are identified in clause 23.1 entiltled Grading Structure" li tghid "The Salary scale/grading structure for the Educational Class shall be as follows:**

| **Nomenclature** | **Salary Scale** |
|---|---|
| **Head of School** | **5** |
| **Education Officer** | **5** |
| **Learning Centre Coordinator** | **6/5** |
| **Assistant Head of School** | **6** |
| **Head of Department** | **6** |
| **Teacher** | **9/8/7** |
| **Kindergarten Educator III** | **10/9** |
| **Learning Support Educator III** | **10/9** |
| **Kindergarten Educator II** | **12/10** |
| **Learning Support Educator II** | **12/10** |
| **Kindergarten Educator I** | **15/14/13** |
| **Learning Support Educator I** | **15/14/13** |

**It-Tribunal Industrijali meta ezamina "The Salary scale/grading structure jirrizulta, li l-grad tal-Learning Support Educators huma klassifikati minn skala 10 sa skala 13 li huma applikabbli wkoll ghal grad tal-Kindergarten Educators.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-grad tal-Learning Support Educators jistghu mhux biss jigu promossi fil-katergorija tax-xoghol taghhom minn skala 13 ghal skala 10 imma jistghu jigu promossi ghal scala 9 liema skala**

**hija applikabbli bhala l-ewwel skala ghal grad ta' Teacher pero jibaqghu jissejjhu bl'istess nomenklatura ta' Learning Support Educators.**

**Mill-provi jirrizulta, li l-grad tal-Learning Support Educators ma jistghux javvanzaw ghal gradi ghola minn skala 9 ghax ikollhom numru ta' snin ta' servizz u biex javvanzaw ghal skala 8 jinhtieg li japplikaw u jkollhom il-kwalifici necessarji ta' Ghalliem.**

**It-Tribunal Industrijali meta ezamina l-Ftehim Kollettiv jirrizultalu, li l-gradi tal-Learning Support Educators, Kindergarten Educators, Ghalliema, Kpaijiet ta' Skejjel u Assistenti Kapijiet ta' l-iskejjel ghandhom numru ta' kundizzjonijiet tax-xoghol identici bhal; il-leave entitlement, il-post tax-xoghol, tahrig u perjodi relatati, jum il-genituri, attivitajiet tal-iskola, uzu tas-sistemi kompjuterizzati ghad-dettalji ta' l-istudenti, hinijiet tax-xoghol u s-sena skolastika.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li ghalkemm il-gradi tal-klassi ta' l-Edukaturi ghandhom funzjonijiet tax-xoghol, dmirijiet u jobs description differenti minn grad ghall iehor, pero huwa mehtieg li jkun hemm ko-ordinazzjoni bejniethom fil-programm tat-taghlim li huwa mfassal mill-Ghalliem skond il-qafas Nazzjonali ghal-kurrikulu fejn l-Ghalliema jipprovdu l-pjani ghall-lezzjonijiet minn qabel lill-Learning Support Educators biex ikunu jistghu jahdmu fuq l-addattar tal-lezzjoni ghal istudenti bi bzonnijiet specjali.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rwoli tal-Edukaturi fi gradi differenti minbarra l-hidma ta' thejjija u dik ta' kuljum fil-klassijiet, hemm ukoll hidma ohra kongunta bhat-tfassil tal-Individual Education Programme, is-sehem fil-pjan tal-Izvilupp ghall-iskola li huwa strument mitlub skond l-Att dwar l-Edukazzjoni u l-attivitajiet extra kurrikulari.**

**It-Tribunal Industrijali mill-provi jirrizultalu, li ghal dawk l-attivitajiet li l-grad tal-Learning Support Educators ikunu nvoluti fihom barra l-hinijiet tal-klassi normali, ghalkemm huma parti mid-dmirijiet taghhom li jghamlu dan ix-xoghol pero jigu kkumpensati permezz ta' allowances.**

**Matul il-provi li resqet il-Union for Professional Educators u xhieda ohra fosthom tal-Executive Head tal-Union Graham George Sansone tghid, li l-Union qed tghamel it-talba ghax min illum qed jirraprezenta l-grad tal-Learning Support Educators ghal xi ragunijiet mhux qed jiffoka bizzejjed dwar l-ilmenti u l-bzonnijiet tal-haddiema tal-grad tal-Learning Support Educators kif ukoll, ghax id-dmirijiet tal-grad tal-Learning Support Educators huwa grad distint.**

**Mill-provi li tressqu jirrizulta; nuqqas ta' implimentazzjoni ta' mizuri gia stabbiliti u jirreferu ghal Handbook of Job Descriptions; Nuqqas ta' Standard Operating Procedures u/jew Protokolli jew Official Guidelines ghal certu doveri ta' rutina li jesponu lil Learning Support Educators ghall-riskju fuq xogholhom u fatturi ohra ta' riskju li s'issa anqas biss ittiehdu nkonsiderazzjoni.**

**Ilmenti ohra li tressqu ghal attenzjoni tat-Tribunal Industrijali, li m'hemmx Standard Operational Procedures, Guidelines ufficcjali jew Protokolli li jirrigwardjaw proceduri ta' kif jagixxu l-Learning Support Educators f'kazijiet ta' feeding, toileting, personal hygiene, sanitation, tqandil, mbuttar ta' wheelchairs u f'kazijiet ghat-trasport fejn il-Learning Support Educators jghenu lill istudenti bi bzonnijiet specjali jigu imtella fuq it-trasport u jaraw li l-istudenti huma siguri.**

**Matul il-provi jghidu ukoll, li hemm okkazzjonijiet fejn l-Learning Support Educators ghandhom ir-responsabilita li jakkumpanjaw lil istudenti dejjem dawk li ghandhom bzonnijiet specjali waqt il-vjagg bit-trasport u hemm kazijiet ta' studenti li jbghatu minn fits u kundizzjonijiet ohra li jirrikjedu certu attenzjoni partikolari waqt it-trasport.**

**Waqt il-provi qalu wkoll, li l-Learning Support Educators ma jsirilhomx risk assessments ghall kazijiet li jinvolvu tqandil ta' studenti jew imbuttar ta' wheelchairs jew uzu iehor ta' taghmir u ta' mobbilita u ghall kazijiet ta' studentI li ghandhom kundizzjonijiet jew imgieba aggressiva jew vjolenti u l-Union trid li ghandu jkun mandatorju li jsir risk assessment qabel ma dawn l-istudenti jigu assenjati f'idejn il-kura tal-Learning Support Educators.**

**Il-Union for Professional Educators tghid ukoll, li f'kull skola jkun hemm studenti li ghandhom bzonn l-assistenza tal-Learning Support Educators ghat-toileting, hygiene jew sanitation, izda minkejja li ghaddew hmistax il-sena mill-introduzzjoni ta din il-politika ta' nkluzzjoni ghad hawn hafna**

**skejjel li m'ghandhomx facilitajiet attrezzati kif suppost ghal dan il-ghan bil-konsegwenza li dan ix-xoghol isir go toilet komuni li ma jkollux il-facilitajiet mehtiega li jassiguraw sia li l-Learning Support Educator tkun tista tahdem sew kif wkoll li jiggarantixxu privatezza bazika ghall istudenti koncernati.**

**Quddiem It-Tribunal Industrijali xehed Emile Vassallo Direttur Generali ghas-Servizzi Edukattivi u mix-xhieda tieghu jirrizulta, li hemm Ftehim Kollettivi ohra fi hdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni imma dawn huma Ftehim Kollettivi li ma jkoprux il-klassi tal-haddiema Edukaturi.**

**Id-Direttur Generali jghid ukoll, li fil-1995 il-Learning Support Educators kienu jissejjhu Facilitators u kellhom Ftehim Kollettiv mal-Kindergarten Assistants u fl'2007 gew integrati fi Ftehim Kollettiv wiehed mal-gradi tal-klassi tal-haddiema Edukaturi.**

**Fix-xhieda tieghu d-Direttur Generali jispjega wkoll, li mill-2007 certu proceduri ghal-grad tal-Learning Support Educators nbidlu jew ma baqawx aktar applikabbli ghar-raguni li r-rowl dejjem tevolvi.**

**Huwa jghid ukoll, li guidelines specifici ghal certu funzjonijiet tal-Learning Support Educators m'hemmx peress li l-kazijiet ta' l-istudenti bi bzonnijiet specjali jvarjaw hafna u kaz ma jkunx bhal iehor u biex jigi evitat id-dizgwid li jistghu joholqu l-proceduri u guidelines bil-miktub ghax il-problema ma ssibx is-soluzzjoni taghha fll-kotba, kull**

**cirkostanza trid tigi evaluwata u meta Learning Support Educators jiffaccjaw problema ta' certu diffikulta jistghu jirreferu ghal ghajnuna ta' professjonisti li ghandu d-Dipartiment.**

**Id-Direttur Generali spjega ukoll, li partikularment fil-bidu ta' kull sena skolastika jsiru laqghat ta' transizzjoni mal-Learning Support Educators biex ikunu konxji tal-problemi ta' l-istudenti li se jkunu taht il-harsien taghhom, problemi bhal f'kaz ta' feeding li l-kazijiet ivarjaw bejn student u iehor u Learning Support Educators ikollhom is-support ta' specjalisti sabiex ikunu jafu kif jagixxu ghal kull kaz partikulari.**

**Id-Direttur Generali jghid ukoll, li llum is-sitwazzjoni tat-tqandil li kien jghamel il-Learning Support Educator ma ghadix bhalma kienet qabel ghar-raguni li hemm l-uzu ta' l-lifters li jerfaw lil l-istudenti ma dan, biex jghejnu lil-Learning Support Educators hemm is-servizzi ta' haddiema professjonali bhal Occupational Therapists u jekk ikun hemm il-bzonn jigu msejjha Physioterapists fl'iskola biex juru b'mod prattiku lill Learning Support Educators x'ghandu jsir u ghal x'hix ghandhom joqghodu attenti.**

**Id-Direttur Generali spjega wkoll, li hemm struttura ta' organizazzjoni biex jissportjaw lill Learning Support Educators f'kaz li jigu f'diffikulta fejn mhux biss jistghu jirreferu l-kaz lit-tmexxija ta' l-iskola u lill-Inclusion Co-ordinator imma wkoll hemm ufficcjali ohra fid-Dipartiment**

**tal-Edukazzjoni fejn il-problema li tkun qed tiffaccja l-Learning Support Educator tista tirreferi lilhom.**

**Id-Direttur Generali fix-xhieda tieghu jkompli jghid, li l-policy tal-Ministeru hija li kull skola ghanda fond finanzjarju ghal bzonnijiet ta' l-iskola u minn liema fond jistghu jigu mghejjuna dawk l-istudenti li jkollhom certu diffikulta nkluz li jigu mghejjuna jekk il-familjarji taghhom ma jkunux qed jipprovdulhom certu bzonnijiet.**

**Id-Direttur Generali jkompli jghid, li m'ghandux rapporti dwar skejjel li m'humiex attrezzati ghal studenti bi bzonnijiet specjali u stieden lill Union for Professional Educators li jekk ghanda xi rapporti tirreferihom lilhu direttament.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar din it-Tilwima tax-Xoghol u l-ewwel ma jinnonta, li fl-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ma hemmx provedimenti fil-Ligi ta' x'jikkostittwixxi an appropriate/separate bargaining unit.**

**Ghaldaqstant, f'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali ezamina l-gurisprudenza li matul il-process tat-trattazzjoni tal-kaz inkwestjoni saret riferezna ghalihom.**

**It-Tribunal Industrijali ezamina bir-reqqa l-kazijiet imsemmija u jibda billi jirreferi ghat-Tilwima tax-Xoghol bejn l-Air Malta plc u l-Association of**

**Airline Operations (Malta) (AAOC) u l-General Workers Union Decizjoni Preliminari Nru 2693 Kaz Nru 3574/ET.**

**Rigward dan il-kaz it-Tribunal Industrijali jinnota, li m'hemmx similarita mal-kaz inkwestjoni ghar-raguni, li fl'ewwel aspett il-haddiema ta' l-Airlines Operations Controllers ta' l-Air Malta ma kienux jghamlu parti minn Ftehim Kollettiv settorali imma kienu jghamlu parti minn Ftehim Kollettiv li kien ikopri il-general workforce u ghaldaqstant il-grad ma kienx ikklassifikat fl'istess klassi ta' gradi ta' haddiema li kellhom similarita fil-generu tax-xoghol.**

**It-tieni aspett li t-Tribunal Industrijali jinnota, li fil-kaz tal-grad tal-Learning Support Educators, id-DIER ma kien wasal ghall-ebda decizjoni u ghal din ir-raguni l-kaz gie referit lit-Tribunal Industrijali, fil-waqt li fil-kaz ta' l-Airlines Operations Controllers, it-Tribunal Industrijali li ttratta din it-Tilwima tax-Xoghol kien iddecieda li jastjeni u ma jiehux konjizzjoni tal-kaz ghax it-Tilwima kienet giet deciza b'Decizjoni tad-DIER fis-27 ta' Gunju, 2017.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra d-Decizjoni Nru 2178 datata 10 ta' Ottubru, 2012 fl'ismijiet GWU vs Tug Malta u meta ezamina d-Decizjoni jinnota, li saret riferenza ghad-Decizjoni Nu 2138 li kienet tikkoncerna lill-impjegati fil-professjoni ta' "Vessel Traffic Services" impjegati ma' l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta.**

**Meta it-Tribunal Industrijali ezamina dawn id-Decizjonijiet jinnota, li fil-kaz tal-haddiema tal-Vessel Traffic Services kienu jghamlu parti mil-Awtorita Marittima u meta gew trasferiti ghal ma l-Awtorita ghat-Trasport, fost id-dmirijiet li kellhom kienu li jiehdu hsieb il-vapuri u d-dghajjes kollha li jidhlu jew johrogu mill-portijiet Maltin, kif ukoll ghajnuna f'kazijiet ta' search and rescue li qabel dawn id-dmirijiet kienu jiehdu hsiebhom il-Forzi Armati ta' Malta.**

**Dawn il-haddiema meta gew trasferiti ma l-Awtorita tat-Trasport gew inkluzi fi Ftehim Kollettiv u f'kategorija ma haddiema klerikali u ma kienx hemm similarita fil-generu tax-xoghol.**

**It-Tribunal Industrijali li ttratta din it-Tilwima tax-xoghol iddecieda, li dawn il-haddiema jista jkollhom Ftehim Kollettiv ghalihom, meta ha nkonsiderazzjoni, li kellhom kundizzjonijiet bazici tax-xoghol pjuttost unici nkluz is-sighat tax-xoghol u s-sistema tax-shift u li ma kienx hemm l-ebda similarita fil-generu tax-xoghol li kienu jghamlu mal-gradi klerikali. It-Tribunal Industrijali fid-Decizjoni jghid ukoll, li ma seta jkun hemm ebda bargaining history peress li parti sostanzjali mix-xoghol li jaghmlu l-haddiema inkwistjoni kienu jaghmluh il-membri tal-Armata.**

**Rigward il-kaz tal-haddiema tat-Tug Malta t-Tribunal Industrijali jinnota, li d-Decizjoni kienet tikkoncerna fil-kategoriji tal-Masters, l-Engineers u l-haddiema tal-Workshop u tal-Maintenance.**

**It-Tribunal Industrijali meta ezamina din id-Decizjoni jinnota, li t-Tribunal Industrijali li ttratta din it-Tilwima tax-Xoghol fost kriteriji ohra stabilixxa tlett kriterji biex jigi stabilit an appropriate/separate bargaining unit li huma -:**

**(1) il-kwalifici li jehtieg li jkollhom il-membri tal-grupp li jiddisntingwuhom minn haddiema ohra tal-istess azjenda;**

**(2) id-dmirijiet li jkunu mistennija li jaqdu u hawn ikun hemm distinzjoni cara minn haddiema ohra;**

**(3) li meta kienu apuntati fil-post li qed jokkupaw ma kienx hemm automatic progression minn kariga ohra inferjuri u dana biex jigi enfasizzat illi l-kariga li jokkupaw hija wahda distinta. Dana kollu sintendi sogget ghal kundizzjoni maggoritarja tal-grupp.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina dan il-kaz jirrizultalu li fil-kaz tal-kategorija tal-Masters, il-grad ghandu responsabilita ta' tmexxija u ghaldaqstant ir-responsabiltajiet huma ta' natura manigerjali u ghal finijiet ta' rikonoxximent ghandhom ikunu klassifikati fi grupp ghalihom.**

**Fil-kaz tal-kategorija tal-Engineers, fost id-dmirijiet jirrikjedi li jidderegu lill gradi tal-haddiema tas-sengha fix-xogholijiet ta' maintenance u twissja ta' l-ingenji u ghaldaqstant huwa grad li aktar ikklassifikat bhala wiehed ta' supervizjoni u ghal finijiet ta' rikonoxximent ghandhom ikunu klassifikati fi grupp ghalihom.**

**Rigward il-haddiema tal-Workshop u tal-Maintenance, It-Tribunal Industrijali mill-ezami li ghamel jirrizultalu, li d-Dipartiment tal-Workshop u d-Dipartiment tal-Maintenance huma komposti minn diversi gradi ta' haddiema li ghandhom snajja u xoghol differenti minn xulxien u ghalkemm dawn is-snajja jirrekjedu certifkati, dmirijiet u funzjonijiet differenti, imma ghax il-gradi ghandhom similarita fil-generu tax-xoghol gew iggruppjati flimkien fi klassi wahda ta' haddiema ghall-finijiet ta' rikonoxximent.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jinnota, li l-kriterji stabiliti f'din id-Decizjoni ma kienux qed jirreferu ghal grad ta' haddiema, imma kienu qed jirreferu li kategoriji tal-Masters u Engineers u l-gradi differenti ta' haddiema fi hdan il-Workshop u l-Mainatenace Departments, li ghalkemm huma gradi bi snajja differenti, imma ghax ghandhom similarita fil-generu tax-xoghol gew ggrupjati u kklassifikati flimkien u gew moghtija rikonoxximent ghal finijiet ta' negozjar kollettiv ghax m'ghandhomx similarita fil-generu tax-xoghol taghhom ma gruppi ohra ta' haddiema fi hdan il-kumpanija.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota, li l-metodu ta' kif jigu kklassifikati d-diversi gradi ta' haddiema, li ghalkemm ikollhom funzjonijiet, dmirijiet, job descriptions u sistema ta' promozzjonijiet differenti, ghal-finijiet ta' rikonoxximent u Ftehim Kollettiv il-gradi jigu ggrupjati flimkien u klassifikati fi klassi wahda ta' haddiema u dan il-metodu gie spjegat fid-Decizjoni Nru 311 Kaz 448 fit-Tilwima tax-Xoghol bejn il-UHM vs**

**Andrews Feeds (Malta) Ltd datata 15 ta' Lujlu, 1988 fejn id-Decizjoni kienet, li l-UHM tigi moghtija rikonoxximent ghal gradi kollha tal-klassi tal-haddiema mhux industrijali u l-GWU jkollha r-rikonnoximent ghal gradi kollha tal-klassi tal-haddiema industrijali.**

**Fid-Decizjoni bhala ezempju saret riferenza ghal azjenda Simons Farsons Cisk, fejn il-gradi tal-haddiema gew ggrupjati flimkien skond is-simiralita tal-generu tax-xoghol u ssib li l-klassi tal-gradi ta' supervizjoni huma raprezentati mill-STPSA, il-klassi tal-gradi tal-haddiema industrijali gew iggruppjati flimkien u huma raprezentati mill-GWU u l-klassi tal-haddiema mhux industrijali gew iggrupjati flimkien u huma raprezentati mill-UHM.**

**Fil-konkluzjoni li ghamel it-Tribunal Industrijali li ttratta din it-Tilwima tax-Xoghol iddikjara li "biex tintlahaq decizjoni f'dan is-sens wiehed ghandu jezamina s-sitwazzjoni li tezisti u li kienet tezisti fl'azjenda partikolari kif ukoll it-tradizzjonijiet u l-prattika f'Malta fl'industrija partikulari"**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina din id-Dikjarazzjoni jinnota, li t-traddazzjoni fir-Relazzjonijiet Industrijali m'hix li kull grad ta' haddiema jkollu Ftehim Kollettiv ghalih imma l-prattika hija, li l-gradi tal-haddiema li jkollhom similarita fil-generu ta' xoghol jigu klassifikati u ggrupjati flimkien bhala klassi wahda ta' haddiema u jkunu rapprezentati minn Trade Union wahda li tkun tgawdi l-maggoranza mhux ta' kull grad,**

**imma l-maggoranza kollettiva tal-haddiema li jikkostitwixxu d-diversi gradi u li dawn jigu ggrupjati flimkien u klassifikati bhala klassi wahda tal-haddiema biex jinnegozjaw kollettivament il-kundizzjonijiet tax-xoghol taghhom u jkunu koperti minn Ftehim Kollettiv wiehed sabiex jigi evitat li jkun hemm negozjar fuq diversi collective agreements ma diversi Unions differenti fuq l-istess aspetti ta' kundizzjonijiet tax-xoghol li jkunu komuni ghal haddiema ta' diversi gradi, ghax dan jirrendi li r-relazzjoniet industrijali ma jkunux maniggabbli u b'deteriment ghall-istabilita u l-armonija tar-relazzjonijiet industrijali.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li matul il-provi saret riferenza, li d-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi ghandu Ftehim Kollettivi separati li jkopru gradi individwali ta' haddiema bhal career advisors, school counsellors, school laboratory u ohrajn.**

**Dwar dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jinnota, li ghalkemm jezistu dawn il-Ftehim Kollettivi separati pero ma tresqet l-ebda prova quddiem it-Tribunal Industrijali, li dawn il-gradi ta' haddiema kienu jghamlu parti minn struttura ta' gradi ohra fi Ftehim Kollettiv settorali wiehed qabel ma gew moghtija l-istatus ta' an appropriate/separate bargaining unit li jistghu jinnegozjaw Ftehim Kollettiv ghalihom.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota li matul il-process saret riferenza, li mhux necesarjament ghax il-haddiema tal-Learning Support Educators huma koperti mill-Kapitolu 605 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni ghandhom ikunu fi Ftehim Kollettiv wiehed li jkopri l-gradi tal-haddiema tal-klassi ta' l-Edukaturi u dan ghar-raguni, li l-haddiema li jahdmu fis-settur tas-Sahha bhal; tobba, nurses, qwiebel u farmacisti ghalkemm huma regolati mill-Att dwar il-Professjonijiet tas-Sahha Kap 464 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn il-professjonijiet m'ghandhomx Ftehim Kollettiv wiehed imma kull professjoni ghanda Ftehim Kollettiv separat minn professjoni ghal ohra.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina dan l-aspett jirrizultalu, li l-bargaining history tal-professjonijiet tas-sahha msemmija qatt ma kienu fi Ftehim Kollettiv wiehed, imma l-Ftehim Kollettivi taghhom zvillupaw separtament minn xulxien u ghal din ir-raguni ghandhom Ftehim Kollettiv ghalihom u separat.**

**Ghaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali jezamina id-Decizjonijiet u l-kazijiet li saret riferenza ghalihom jirrizultalu, li l-kriterji stabiliti biex gradi u gruppi ta' haddiema jikkwalifikaw biex jikkostitwixxu an appropriate/separate bargaining unit ma humiex biss il-kriterji msemmija fid-Decizjoni 2178 fit-Tilwima tax-Xoghol bejn il-GWU vs Tug**

**Malta datata 10 ta' Ottubru, 2012 imma hemm diversi kriterji ohra fosthom :-**

- **aspetti ta' kundizzjonijiet bazici tax-xoghol bhal hinijiet tax-xoghol jekk japplikawx ghall haddiema kollha jew japplikawx biss ghall-haddiema li qed jghamlu t-talba;**
- **il-lokalita min fejn qed jahdmu u jekk l-lokalita hix komuni ghal diversi gradi jew ghal grad biss li qed jghamel it-talba;**
- **ir-relazzjoni tax-xoghol ta' bejn il-gradi u jekk jinhtieg li jkun hemm ko-ordinazzjoni tax-xoghol bejn il-gradi biex jitwettaq ix-xoghol;**
- **jekk il-grad li qed jghamel it-talba hemmx similarita fil-generu tax-xoghol mal-gradi l-ohra biex jigi stabilit jekk dawn il-gradi jghamlux parti minn klassi wahda ta' haddiema u ggrupjati fi klassifikazzjoni wahda;**
- **jekk it-talba ghal rikonoxximent qedx issir ghal ewwel darba ghax il-grad mhux organizzat fi Trade Union u mhux kopert bi Ftehim Kollettiv;**
- **jekk il-grad diga kopert minn Ftehim Kollettiv, ikoprix gradi ta' haddiema settorali jew ikoprix gradi ta' haddiema generali;**
- **il bargaining history tal-grad jew grupp li qed jghamel it-talba.**

**F’dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali meta jezamina l-kaz li resqet il-Union for Professional Educators jikklasifikahom fi tlett kategoriji principali li huma:-**

**a) li m’hemmx proceduri, protokolli, guidelines u nationwide policy dwar provedimenti ta’ materjal;**
**b) riskji, sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol;**
**c) il-Learning Support Educators ghandhom kwalifici, dmirijiet, funzjonijiet u l-kariga li jokkupaw hija distinta u mhux marbuta ma progression jew promotion.**

**Dwar l-ewwel punt it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li dan gie ndirizzat fix-xhieda tad-Direttur Generali tad-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi fejn spjega, li m’hemmx proceduri, protokolli u guidelines ghax kull kaz jigi evaluwat peress li kaz mhux bhal l-iehor u s-soluzzjonijiet ma ssibhomx fil-kotba ghax iktar jistghu jkunu ta’ xkiel milli ta’ ghajnuna.**

**Huwa jghid ukoll, li l-Learning Support Educators ghandhom l-ghajnuna ta’ diversi professjonisti biex jghenuhom fil-hidma taghhom u rigward nationwide policy dwar provvedimenti ta’ materjal, il-Ministeru ghandu policy li kull skola ghanda budget li jistghu jigu mghejjuna l-istudenti skond il-kaz.**

**Dwar dan l-aspetti t-Tribunal Industrijali jinnota, li ghalkemm huwa mportanti li Trade Union tghati l-idejat taghha biex ikun hemm titjieb fuq**

**il-post tax-xoghol, pero wiehed irid ukoll izomm quddiem ghajnejh li min qed immexxi jkollu stampa aktar wiesa u profonda ta' l-operat tal-post tax-xoghol, kif ukoll rizorsi umani li jkunu jkopru diversi professjonijiet li permezz ta' studji li jsiru jkunu jistghu jistabilixxu d-direzzjoni li ghandu jiehu l-management u ghaldaqstant, ghalkemm ghandu jsir apprezzament tas-suggerimenti li jsiru nkluz tal-Unions u anke tal-workforce ngenerali imma finalment hija fir-responsabilita tal-management li jiddeciedi ta' dak li ghandu jigi mplimentat.**

**Rigward it-tieni punt li ghamlet il-Union for Professional Educators, it-Tribunal Industrijali jinnota, li d-Direttur Generali fix-xhieda tieghu spjega li ttiehdu mizuri fejn fir-rigward ta' irfieh li llum hemm lifters u ghaldaqstant is-sitwazzjoni m'ghadix kif kienet qabel, ma dan il-Learners Support Educators jigu mghejjuna minn haddiema professjonisti kif jittrattaw u jagixxu f'sitwazzjonijiet meta jkun hemm bzonn ta' irfieh, feeding, toilets u aspetti ohra tax-xoghol taghhom.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet huwa tal-fhema, li aspetti ohra msemmija rigward riskji, sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol, li dawn huma aspetti li ma jaqawx strettament fil-parametri ta' negozjar ghar-raguni, li ma jirrikjedux u lanqas huma suggett ghal negozjar ghax riskji, sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol huma stat ta' fatt li hemm jew m'hemmx riskju ghal haddiem.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema li riskji, sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol lanqas huwa punt ta' rikonxximent ta' trade union u dan ghar-raguni, li anke haddiem wiehed individwali u li ma jkunx membru ta' trade union jista jilmenta fuq il-kaz u jekk ma tittiehidx azzjoni jista jirreferi lill OHSA biex tinvestiga u tiehu azzjoni.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li jekk kif qed tallega l-Union for Professional Educators li ghanda lmenti ta' membri taghha dwar riskji, sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol, ghalkemm il-Union m'ghandix rikonoxximent ghal negozjar kollettiv pero setghet tghamel l-ilment u fin-nuqqas ta' azzjoni mid-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi tirraporta l-kaz lill-OHSA biex jinvestiga u jiehu azzjoni.**

**Rigward it-tielet punt li ghamlet il-Union for Professional Educators, it-Tribunal Industrijali diga spjega f'din id-Decizjoni u hemm riferenza ghal-kazijiet fit-Tilwim tax-Xoghol bejn Tug Malta vs l-GWU u l-kaz l-iehor bejn Andrews Feeds (Malta) Ltd vs UHM li ghal finijiet ta' negozjar ta' Ftehim Kollettiv, it-tradizzjoni u l-prattika fil-qasam tar-Relazzjonijiet Industrijali hija, li diversi gradi ghalkemm ikollhom kwalifici, dmirijiet, funzjonijiet u sistemi ta' progression jew promotions differenti, imma ghax il-gradi ghandhom similarita fil-generu tax-xoghol, kif ukoll hafna mill-aspetti ta' kundizzjonijiet tax-xoghol bejn il-gradi huma identici jigu ggrupjati flimkien u klassifkati fi klassi wahda ta' haddiema biex jigu koperti minn Ftehim Kollettiv wiehed.**

**F’dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, il-Bargaining History tal-grad tal-Learning Support Educators ilha tigi zviluppata minn 1995 fejn f’dak iz-zmien kienu jissejjhu Facilitaors u il-Ftehim Kollettiv li kellhom kien jinkludi wkoll l-grad ta’ Kindergarten Assistants.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li din il-bargaining history kompliet tizviluppa meta fl’2007 dawn iz-zewg gruppi ta’ haddiema gew inkluzi fil-Ftehim Kollettiv li jkopri l-klassi ta’ haddiema Edukaturi kif indikat fi klawsola 23.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti fejn anke nbidlitilhom in-nomenklatura taghhom u giet emendata ghal Learning Support Educators u Kindergartens Educators.**

**F’dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li appparti hemm hafna aspetti komuni u identici ta’ kundizzjonijiet tax-xoghol bejn il-gradi tal-klassi tal-haddiema Edukaturi u dan inkluz hinijiet tax-xoghol fl’istess lokalita u s-sena skolastika, it-Tribunal Industrijali meta jezamina l-istruttura tal-iskali gradi/salarji tal-Ftehim Kollettiv jirrizultalu, li din giet zviluppata fuq numru ta’ snin u giet stabilita b’certa reqqa fejn anke stabilit li l-gradi ta’ Kindergartens Educators u l-gradi tal-Learning Support Educators jkunu fl’istess skali tal-gradi/salarji tal-Ftehim Kollettiv.**

**F'dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota, li fid-Decizjoni Nru 2138 fit-Tilwima tax-Xoghol bejn il-GWU vs Awtorita ghat-Trasport f'Malta tghid "jekk il-haddiema in kwistjoni ghandhomx diga dak li jissejjah bargaining history wahedhom jew ma haddiema ohra. Huwa desiderabbli li jekk tkun giet stabbilita bargaining history ghal grupp partikolari ta' haddiema, din ma tigix disturbata".**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota, li matul il-process ma kienx hemm kontestazzjoni li l-grad tal-Learning Support Educators huwa grad li jghamel parti mill-klassi tal-haddiema Edukaturi u t-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li mill-provi jirrizulta li hemm similarita fil-generu tax-xoghol mal-gradi l-ohra ta' Edukaturi u ghaldaqstant il-Learning Support Educators ghandu jkun grad li jibqa kklassifikat li jghamel parti bhala klassi wahda mal-gradi l-ohra ta' l-Edukaturi.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li l-Union for Professional Educators ma resqet l-ebda lmenti specifici dwar aspetti ta' kundizzjonijiet bazici tax-xoghol u l-istruttura ta' l'iskali gradi/salarji kif mfassla fil-Ftehim Kollettiv ezistenti u liema aspetti jaqaw fil-parametri tal-funzjonijiet u l-ghanijiet ta' negozjar u li primarjament huwa ghal dan il-ghan li grad jew grupp ta' haddiema jinghata rikonoxximent bl'iskop u l-ghan li jinnegozja.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u prezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, ezamina l-bargaining history tal-Learning Support Educators jasal ghal konkluzzjoni u jiddeciedi, li l-grad tal-Learning Support Educators huwa grad li jghamel parti mill-klassi tal-haddiema Edukaturi u skond it-tradizzjoni u l-prattika tar-Relazzjonijiet Industrijali l-gradi li jkollhom similarita fil-generu tax-xoghol ghandhom ikunu ggruppjati u klassifikati fi grupp wiehed u koperti minn Ftehim Kollettiv wiehed.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li l-grad tal-Learning Support Educators ma jikkwalifikax li jigi kkunsidrat bhala grad distint u jitqies bhala an appropriate/separate bargaining unit u li jista jkollu Ftehim Kollettiv ghalih u separat mill-klassi tal-haddiema Edukaturi u ghalhekk it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li l-grad tal-Learning Support Educators ghandu jibqa jigi kopert mill-Ftehim Kollettiv ezistenti bejn id-Direttort ghas-Servizzi Edukattivi u l-Malta Union of Teachers li ghanda rikonoxximent ghal gradi tal-klassi tal-haddiema Edukaturi.**

**Invista ta' din id-Decizjoni it-Tribunal Industrijali jikkonkludi u jiddeciedi li jichad it-talba tal-Union for Professional Educators.**

**Minhabba nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.**

**(Iffirmat)**
**Harold Walls**
**Chairman**

**(Iffirmat)**
**Avv. Bryony Balzia Bartolo**
**Membru**

**(Iffirmat)**
**Is-Sur Lawrence Mizzi**
**Membru**

**Data : 20.06.2023**